ŻEBBUĠ

**Kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 57/10 tal-1 ta' Novembru 2010**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: Il-Ġimgħa, 19 ta' Novembru 2010**

**Ħin: Fid-9.30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-Kamra l-pjanta tal-Perit tal-propost 7-a-side *football pitch* bit-*turf* fil-grawnd tal-iskola primarja Mons. Ġ. A. Vella.

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra żewġ stimi tal-Għaqda Armar Santa Marija, stima biex jintramaw is-soltu dekorazzjonijiet tal-Milied fi Pjazza l-Assunta - €804 (ħsarat li jista' jkun hemm fid-dekorazzjonijiet mhux inkluż fil-prezz) u stima biex tintrama bid-dawl is-siġra fid-daħla ta' Marsalforn - €350. Il-Kunsill approva l-ewwel stima tal-Għaqda għall-armar tas-soltu dekorazzjonijiet fi Pjazza l-Assunta. Dwar it-tieni stima tal-Għaqda, il-Kunsill iddeċieda li għal din is-sena, la jżid dekorazzjonijiet għaż-Żebbuġ u lanqas għal Marsalforn.

Dwar xogħol ta' traqqiegħ fi Triq is-Sagħtrija, Triq Wied l-Infern u Triq Ħabel it-Twil (ilmenti 63/10 u 67/10), is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tkellem lil Louis Portelli tar-Roads Department.

Dwar ilment 64/10 biex tinżabar siġra tal-palm fi Trejqa Ta' l-Andar, is-Sindku qal ma jafx jekk is-siġra tinsabx fuq art pubblika jew art privata.

Dwar l-ilment li quddiem ir-residenza Chelsea fi Trejqa Ta' l-Andar qed iżżomm għadira ilma (ilment 65/10), ġie deċiż li ngħaddu l-ilment lill-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Camilleri talab biex jingħata rendikont tal-ispejjeż b' konnessjoni mal-Musical Għeruqna 2010 u kopja ta' dan ir-rendikont tintbagħat f' kull residenza mal-avviżi tal-Kunsill.

Is-Sindku qal il-kontijiet tal-Kunsill huma pubbliċi u rrimarka li kien hemm okkażjonijiet fejn pagamenti saru fuq stima u mhux fuq *invoice*.

Saret referenza għall-kwistjoni li hemm ma' tal-Power Sound fir-rigward tal-kiri ta' PA System għar-*rehearsals* tal-Musical Għeruqna. Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tgħaddi kopja tad-dokumenti relevanti lill-Kunsilliera u li ta' Power Sound kien kellmu wara li kellem lis-Segretarja Eżekuttiva u li x' aktarx ser jiftaħ każ fil-Qorti.

Dwar l-avviżi maħruġa mill-Kunsill, ġie maqbul li qabel il-pubblikazzjoni tagħhom dawn għandhom jintbagħtu b' *e-mail* lill-Kunsilliera minn ta' lanqas tlett ijiem qabel għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsillier Refalo qal jekk hu ma jaqbilx mal-kontenut ta' *newsletter*, b' mod telefoniku javża lis-Segretarja Eżekuttiva biex ma tpoġġix ismu fuq dak is-sett ta' avviżi.

Dwar ir-rampa għall-persuni b' diżabilita' taz-zuntier tal-knisja taż-Żebbuġ, ġie deċiż li naraw l-Arċipriet x' jista' jissuġġerixxi.

Dwar id-deċiżjoni li Triq Sant' Indrija ssir *one-way* il-barra, kien maqbul li l-parti ta' barra ta' Triq Sant' Indrija kif ukoll parti minn Triq iċ-Ċnus isiru *one-way*.

Is-Sindku ppropona li ssir sejħa pubblika għall-offerti għall-Kuntratti tal-*patching* bil-*cold asphalt* u tal-*patching* bil-konkos u fir-rigward tal-offerti tal-*patching* bil-*cold asphalt* ikunu jistgħu jitfgħu offerta dawk li għandhom impjant tat-tarmak waqt li tal-konkos tkun miftuħa għal kulħadd, anke dawk li m' għandhomx impjant tal-konkos.

Is-Sindku ressaq il-proposta tiegħu għall-vot.

Favur – is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Debono.
Kontra – il-Kunsillieri Camilleri u Refalo.

Il-proposta tas-Sindku għaddiet u l-offerti ser jinħarġu kif propost mis-Sindku.

Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħiet pubbliċi għal:

- provvista u twaħħil ta' *safety rubber mat* għall-*playing field* taż-Żebbuġ (kwotazzjoni).
- servizzi ta' *contracts manager*.
- servizzi ta' perit.

Il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' *safety shoes* għall-ħaddiema tal-Kunsill.
- x-xiri ta' kaxxa *whisky* u kaxxa *brandy*.
- l-istampar ta' kalendarju biex jitqassam f' kull *household* fiż-Żebbuġ. Is-Sindku qal il-kalendarju ser ikun fih ritratti ta' niċeċ fiż-Żebbuġ u l-ispiża tal-istampar mhux ser taqbeż €1,165.

Il-Kunsillier Refalo oġġezzjona għall-fatt li ma kienx avżat bil-laqgħa li nżammet dwar l-attivita' biex jinġabru fondi għall-MCCF.

## AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fil-10.45 ta' filgħodu.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***